IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 3.10.2011
KUMM(2011) 634 finali

2008/0183 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. L-ISTORJA TAL-PROPOSTA

L-adozzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni : is-17 ta' Settembru 2008

It-trażmissjoni tal-Proposta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – COM(2008) 563 finali: 15 ta' Ottubru 2008 (2008/0183(CNS))

Opinjoni tal-Parlament Ewropew – l-ewwel qari: L-opinjoni adottata fis-26 ta' Marzu 2009 ġiet ikkonfermata permezz tar-riżoluzzjoni tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona għall-proċeduri interistituzzjonal ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin (COM(2009)0665) - ″omnibus″.

Fis-sessjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009, il-Parlament Ewropew approva r-riżoluzzjoni leġiżlattiva b'425 vot favur, 71 kontra u 62 astensjoni dwar ir-rapport tas-Sur Siekierski li fih 20 emenda.

Fis-17 ta' Settembru 2010, il-Kummissjoni adottat proposta emendata (COM(2010) 486 finali). Flimkien ma' rati aktar baxxi ta' kofinanzjament, inkludiet limitu ta' EUR 500 miljun għall-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-UE u sensiela ta' aġġustamenti tekniċi wara l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew. Il-proposta emendata ġiet ukoll aġġustata sabiex jitqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta emendata: CESE 70/2011 adottata fl-20 ta' Jannar 2011 (Rapporteur: is-Sur Lucan)

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-proposta emendata: CdR 340/2010 adottata fis-27 ta' Jannar 2011 (Rapporteur is-Sur Martikainen).

Il-proposta emendata l-ġdida tissostitwixxi l-proposta emendata (COM(2010) 486 finali).

## 2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-provvista ta' ikel minn ħażniet tal-intervent għall-organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità. Dak ir-Regolament ġie sussegwentement imħassar u integrat fir-Regolament li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċertu prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).

Għal aktar minn għoxrin sena l-ħażniet ta' intervent li saru disponibbli permezz tal-iskema taw prova tagħhom infushom bħala provvista affidabbli ta' ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn. Il-bżonn tad-distribuzzjoni tal-ikel żdied wara t-tkabbiriet suċċessivi li żiedu b'mod sostanzjali l-popolazzjoni tal-Unjoni li hija l-aktar fil-bżonn. Fl-2010 aktar minn 18-il miljun ruħ gawdew minn din l-iskema.

L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif definiti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat jinkludu l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u li jiġi żgurat li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Min-naħa l-oħra, it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali tal-Unjoni huwa għan li jinsab fl-Artikolu 174 tat-Trattat. Billi jnaqqas l-insikurezza tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ħażniet pubbliċi tal-intervent, il-programm jappoġġa t-twettiq ta' dawn l-għanijiet kollha.

F'dawn l-aħħar snin, il-PAK inbidlet sostanzjalment fil-qafas tagħha, b'ċaqliqa tal-enfażi mill-għan primarju taż-żieda fil-produttività lejn it-titjib tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura għaż-żmien fit-tul u, bħala riżultat, naqsu l-ħażniet tal-intervent tal-prodotti agrikoli. Il-qafas legali tal-iskema tad-distribuzzjoni tal-ikel jeħtieġ jiġi aġġustat għal din ir-realtà l-ġdida.

Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-4 ta' April 2006 dwar il-forniment lil organizzazzjonijiet tal-karità approvati sabiex jiġi implimentat il-programm Ewropew dwar l-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn, il-Parlament Ewropew wera t-tħassib tiegħu dwar il-futur tal-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn u, billi għaraf il-ħtieġa li jintlaħqu l-bżonnijiet tal-ikel tagħhom, sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iqiegħdu l-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel fuq bażi permanenti.

Fit-22 ta' Mejju 2008, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-prezzijiet dejjem jiżdiedu tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, fejn saħaq fuq in-natura fundamentali tad-dritt tal-ikel u l-bżonn li jitjieb l-aċċess fi kwalunkwe waqt għall-persuni kollha biex ikollhom biżżejjed ikel għal ħajja attiva u b'saħħitha

Il-Kummissjoni diġà rrikonoxxiet l-importanza ta' din l-iskema fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Kif għandha tiġi trattata l-isfida tal-għoli tal-prezzijiet tal-ikel – Direzzjoni għall-Azzjoni tal-UE" tal-20 ta' Mejju 2008. Matul id-diskors fil-Parlament fit-18 ta' Ġunju 2008, il-President tal-Kummissjoni Ewropea indika li l-Kummissjoni qiegħda tistenna żieda ta' żewġ terzi fil-baġit għal din l-inizjattiva.

Fit-13 ta' April 2011, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (kawża T-576/08) annullat id-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' distribuzzjoni tal-2009 li jipprovdi għax-xiri fis-suq. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni kienet imġiegħla tuża għal kollox il-ħażniet tal-intervent eżistenti bħala s-sors tal-pjan ta' distribuzzjoni tal-2012. Bħala riżultat, il-baġit tal-pjan tal-2012 jgħodd biss għal EUR 113 million, inqas minn kwart tal-pjanijiet annwali preċedenti.

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-perspettivi finanzjarji multinawwali għall-perjodu 2014-20. Fil-każ tal-iskema tad-distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn, il-Kummissjoni pproponiet li fil-ġejjeini din tiġi ffinanzjata mill-Intestatura 1 b'ammont kumplessiv ta' EUR 2.5 biljun (prezzijiet tal-2011).

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011, il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżviluppaw soluzzjoni tranżizzjonali għas-snin li fadal tal-qafas finanzjarju multiannwali sabiex jiġi evitat tnaqqis qawwi fl-għajnuna alimentari bħala riżultat tat-tnaqqis fil-finanzjament minn EUR 500 miljun għal EUR 133 miljun u sabiex jiġi żgurat li n-nies dipendenti mill-għajnuna alimentari ma

jbatux mill-faqar tal-ikel. Bosta rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Ewropea, minn awtoritajiet lokali sa NGOS u organizzazzjonijiet tal-karità, esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-ġejjieni ta' din l-iskema u sejħu unanimament lid-diversi istituzzjonijiet tal-Unjoni biex isibu soluzzjoni sabiex jiżguraw li l-iskema titkompla.

## 3. ELEMENTI TAL-PROPOSTA INIZJALI

Fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-programm tad-distribuzzjoni tal-ikel (COM(2008) 563 finali) abbażi tal-elementi li ġejjin:

**- Żewġ sorsi ta' forniment.** L-ikel jista' jew jiġi mill-ħażniet ta' intervent jew mis-suq. Tal-aħħar ma jibqax għal sitwazzjonijiet ta' indisponibbilità temporanja tal-ħażniet ta' intervent. Madankollu, il-prijorità tingħata lill-użu ta' ħażniet ta' intervent xierqa fejn dawn huma disponibbli.

**- Varjetà aktar wiesgħa ta' ikel għat-tqassim u prijoritajiet iżjed ċari.** Sabiex jittejjeb il-bilanċ nutrittiv tal-ikel provdut mill-iskema, l-għażla tal-prodotti distribwiti mhux se tibqa' limitata għal dawk fejn japplika l-intervent. Il-prodotti tal-ikel jintgħażlu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-programmi tad-distribuzzjoni tal-ikel li jistabbilixxu għanijiet u prijoritajiet għad-distribuzzjoni tal-ikel lil dawk l-aktar fil-bżonn u li għandu jinkludi r-relatjiet partikolari dwar in-nutrizzjoni.

**- Perspettiva għaż-żmien fit-tul** L-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-ikel jirrikjedu ppjanar għat-tul u tħejjija bir-reqqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-organizzazzjonijiet tal-karità. Sabiex titjieb l-effiċjenza tagħha, l-iskema tal-Unjoni għad-distribuzzjoni tal-ikel tiġi stabbilita għal tliet snin. L-ammonti ta' għajnuna għat-tieni u t-tielet sena ikunu indikattivi biss u jiġu sussegwentement konfermati. Barra minn hekk, qed jiġi propost limitu massimu għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

**- Il-kofinanzjament.** L-introduzzjoni tal-kofinanzjament tista' ssaħħaħ id-dimensjoni ta' koeżjoni tal-iskema, tiżgura ppjanar xieraq u ssaħħaħ is-sinerġiji. Sabiex ikun hemm introduzzjoni mingħajr problemi u użu dejjem ogħla tal-fondi Komunitarji disponibbli, ir-rati Komunitarji ta' kofinanzjament ikunu 75% u 85% fl-Istati Membri ta' Koeżjoni għall-pjan tal-2010/12. Sussegwentement, mill-pjan tal-2013/15 'il quddiem, ir-rati Komunitarji ta' kofinanzjament ikunu 50% u 75% rispettivament.

**- Tisħiħ tal-monitoraġġ u r-rappurtar.** L-obbligi tar-rappurtar fuq diversi livelli jissaħħu u jinkludu rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-proposta tal-2008 ġiet akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt fil-forma ta' dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni (SEC(2008)2436/2).

## 4. OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW; ELEMENTI TAL-PROPOSTA ĠDIDA EMENDATA

Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew qabel bil-qawwa li jinżamm il-finanzjament sħiħ tal-Unjoni għal din l-iskema (emendi 5, 10, 16, 17, 18, 19). L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fiha talba simili.

L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti u bosta rappreżentati mis-soċjetà ċivili esprimew dan l-aħħar ix-xewqa li l-iskema tibqa' ffinanzjata għal kollox mill-baġit tal-UE. Il-fehma tagħhom hija li fil-kuntest attwali tal-kriżi finanzjarja, ċerti Stati Membri parteċipanti ma setgħux jiksbu l-parti tagħhom tal-finanzajment nazzjonali u, bħala riżultat, l-iskema tad-distribuzzjoni tal-ikel għandha mnejn tiġi mfixkla fejn l-aktar tkun meħtieġa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija konxja mill-għadd dejjem jikber ta' ċittadini Ewropej li jeħtieġu l-għajnuna alimentari.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissostitwixxi l-proposta emendata (COM(2010)486 finali) b'din il-proposta emendata ġdida.

Fid-dawl tal-kontribuzzjoni tal-programmi tad-distribuzzjoni tal-ikel għat-twettiq sew tal-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni sew tat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, il-Kummissjoni hi tal-fehma li dan jiġi rifless b'mod aktar xierqa fil-proposta tagħha bis-saħħa ta' bażi legali doppja (l-Artikoli 42 u 43(2) flimkien mal-Artikolu 175(3)).

Il-proposta emendata l-ġdida żżomm għall-ġejjieni r-rata kurrenti ta' 100% finanzjament tal-UE għall-iskema iżda, sabiex tiżgura l-istabbilità baġitarja tagħha, qed jinżamm il-limitu massimu ta' EUR 500 million għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

L-emendi 8, 11, 13 u 14 fihom bidliet sostanzjali oħra aċċettati mill-Kummissjoni f'din il-proposta emendata għalkemm it-test eventwalment miżmum mill-Kummissjoni jista' jvarja minn dak propost mill-Parlament Ewropew. L-Emenda 8 tintroduċi l-kunċett tal-oriġini mill-Unjoni tal-ikel li fil-proposta emendata preżenti jinżamm bħala prijorità li tista' tiġi deċiża mill-Istati Membri meta jagħżlu t-tip ta' ikel li jrid jiġi distribwit. L-Emenda 11 tistipula l-obbligu għall-punti tad-distribuzzjoni li juru b'mod ċar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-pjan, li nżamm mill-Kummissjoni f'din il-proposta emendata bir-regoli dettaljati li jridu jiġu adottati sussegwentement. L-Emenda 13 tgħid li x-xiri tal-prodotti tal-ikel għandu jsir abbażi ta' proċeduri kompetittivi għaliex dan issa huwa indikat espliċitament fil-proposta. Fl-aħħarnett, l-Emenda 14 issejjaħ għar-rifużjoni tal-ispejjeż tal-ħżin tal-organizzazzjonijiet tal-karità, li issa hi inkorporata wkoll.

Il-Kummissjoni dalwaqt se tadotta proposti legali li għandhom x'jaqsmu mal-qafas finanzjarju multinannwali ġdid, inkluża waħda dwar id-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni fil-bżonn li se tiġi ffinanzjata mill-Intestatura 1. F'dan l-isfond, il-pjanijiet fuq tliet snin imsemmija fil-proposta preċedenti ma jkollhomx posthom iktar f'dan il-qafas temporanju ġdid. Għalhekk, il-proposta emendata ġdida żżomm is-sistema kurrenti tal-pjanijiet annwali.

Jibqgħu fil-proposta l-ġdida l-elementi l-oħrajn inklużi fil-proposta inizjali, partikolarment iż-żewġ għejun tal-provvista, varjetà akbar ta' ikel flimkien ma' attenzjoni akbar lejn l-aspetti nutrittivi, u prijoritajiet aktar ċari u mekkaniżmi ta' monitoraġġ u rappurtar aktar sodi.

## 5. ALLINJAMENT MAT-TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA (TFUE)

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi distinzjoni ċara bejn, minn naħa waħda, il-ġuriżdizzjoni delegata lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti mhux leġiżlattivi (atti delegati), li jissuplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv kif stipulat bl-Artikolu 290, u, min-naħa l-oħra, il-ġuriżdizzjoni konferita lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291. Fil-fatt, l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni Ewropea iżda jekk l-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv teħtieġ kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni, huwa f'idejn il-Kummissjoni li tadotta dawn permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

L-allinjament tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn mar-regoli ġodda tat-Trattat jikkonsisti minn eżerċizzju ta' kwalifikazzjoni fejn ir-regoli implimentattivi adottati mill-Kummissjoni biex tiżgura t-twettiq mingħajr xkiel tal-miżura issa jiġu klassifikati bħala atti ta' implimentazzjoni jew delegati.

Din il-proposta emendata fiha l-elementi, il-prinċipji ġenerali u r-regoli tal-programm kollha essenzjali tal-iskema li huma ddeterminati mil-Leġiżlatur.

Skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Leġiżlatur jinkariga lill-Kummissjoni tissuplimenta jew temenda ċertu elementi mhux essenzjali li huma madankollu neċessarji għat-tħaddim xieraq tal-iskema. Din il-proposta emendata tistipula li l-Kummissjoni tadotta permezz ta' atti delegati l-metodu għall-kalkolu tal-allokazzjoni totali tar-riżorsi inkluż id-distribuzzjoni tal-ħażniet tal-intervent u l-mezzi finanzjarji, id-definizzjoni tal-valur tal-kontabilità tal-prodotti rilaxxati mill-ħażniet tal-intervent kif ukoll il-metodu għar-riallokazzjonijiet tar-riżorsi wara reviżjonijiet possibbli tal-pjan. Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-użu ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti għall-operazzjonijiet kollha relatati mat-twettiq tal-pjanijiet, dispożizzjonijiet dwar it-titoli li għandhom jiġu ppreżentati mill-applikanti u regoli dwar sanzjonijiet u tnaqqis li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-limiti taż-żmien u nuqqasijiet oħra.

L-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni adottati mil-Leġiżlatur. Madankollu, jidher neċessarju li tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tal-iskema fl-Istati Membri li qed jipparteċipaw sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' distorsjoni jew diskriminazzjoni. Bħala konsegwenza, f'din il-proposta emendata l-Leġiżlatur jikkonferixxi lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' regoli u proċeduri dettaljati, l-adozzjoni u fejn neċessarju rreviżjoni tal-pjanijiet, id-definizzjoni tal-elementi addizzjonali li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet fuq tliet snin, il-proċeduri u l-limiti taż-żmien

applikabbli għall-irtirar, il-forma tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u tal-programmi ta' distribuzzjoni tal-ikel, ir-regoli għar-rimborż tal-ispejjeż inklużi l-limiti taż-żmien u l-limiti massimi finanzjarji, il-kundizzjonijiet għas-sejħiet għall-offerti u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodotti tal-ikel u l-provvista tagħhom, ir-rekwiżiti minimi tal-programmi ta' kontroll, il-kundizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw il-proċeduri ta' ħlas inklużi l-kompiti li jridu jiġu sodisfatti mill-aġenziji nazzjonali tal-intervent u r-regoli dettaljati dwar l-obbligu li tintwera l-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'din l-iskema fil-punti sew tal-ippakkjar sew tad-distribuzzjoni.

## 6. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-regoli proposti maħsuba biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ġodda għall-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel għan-nies l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni. L-iskema l-ġdida se tibqa' tkun iffinanzjata b'mod sħiħ mill-Unjoni.

Din il-proposta emendata żżomm il-limitu massimu annwali ta' € 500 miljun għall-finanzjament tal-UE tal-iskema.

## 7. PROPOSTA EMENDATA

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-proposta l-ġdida emendata mill-Kummissjoni hija ppreżentata hawn taħt.

2008/0183 (COD)

Proposta emendata għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42, l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[1],

Wara li l-proposta ntbagħet lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 tal-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-provvista tal-ikel minn ħażniet tal-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità[4], sussegwentement revokat u integrat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċertu prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [Regolament dwar l-OKS Unika][5], ipprovda skema affidabbli għad-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn tal-Unjoni għal aktar minn għoxrin sena u kkontribwixxa b'mod pożittiv għall-koeżjoni soċjali tal-UE billi naqqas id-differenzi ekonomiċi u soċjali.

(2) L-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif definiti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat jinkludu l-istabbilizzazzjoni tas-swieq kif ukoll l-assigurazzjoni li l-provvisti jilħqu lill-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Mas-snin l-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel għenet biex jintlaħqu sew iż-żewġ għanijiet u, bit-tnaqqis tal-inċertezza tal-ikel għal persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni, uriet li hija għodda essenzjali li tiggarantixxi

---

1 ĠU C […], […], p. […].
2 XX
3 ĠU C […], […], p. […].
4 ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1.
5 ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

disponibbiltà vasta tal-ikel fl-Unjoni filwaqt li tnaqqas il-ħażniet tal-intervent. L-iskema tal-UE għall-għajnuna tal-ikel lil min hu l-aktar fil-bżonn għandha tkompli tiggarantixxi l-għanijiet tal-PAK. Fl-istess ħin, għandha wkoll timmira biex issaħħaħ il-koeżjoni soċjali tal-Unjoni.

(3) Il-Parlament Ewropew, fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2006 dwar il-forniment lil organizzazzjonijiet approvati tal-karità li jaħdmu biex jimplimentaw il-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn[6], irrimarka li l-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn wera s-siwi tiegħu u kien vitali għal miljuni ta' persuni. Barra minn hekk, esprima t-tħassib tiegħu dwar il-futur tal-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn u għaraf il-ħtieġa li jintlaħqu l-bżonnijiet tal-ikel tagħhom billi sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, fost oħrajn, biex iqiegħdu l-programm Ewropew għall-għajnuna tal-ikel fuq bażi permanenti. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2011, il-Parlament Ewropew sejjaħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżviluppaw soluzzjoni tranżizzjonali għas-snin li fadal tal-qafas finanzjarju multiannwali sabiex jiġi evitat tnaqqis qawwi fl-għajnuna alimentari bħala riżultat tat-tnaqqis fil-finanzjament minn € 500 miljun għal € 113 miljun u sabiex jiġi żgurat li n-nies dipendenti mill-għajnuna alimentari ma jbatux mill-faqar tal-ikel.

(4) It-tkabbiriet suċċessivi tal-Unjoni żiedu l-għadd potenzjali tal-benefiċjarji tal-iskemi għall-għajnuna tal-ikel. Fl-istess waqt iż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel affetwaw negattivament is-sigurtà tal-ikel tal-persuni l-aktar fil-bżonn u żiedu l-prezzijiet għall-provvista tal-għajnuna alimentari. Bħala riżultat, l-importanza tal-iskema oriġinarjament stabbilita skont ir-Regolament (KEE) Nru 3730/87 u attwalment skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kibret matul is-snin. Huwa għalhekk essenzjali li l-iskema titkompla fuq livell tal-Unjoni u tiġi adattata aktar għall-iżviluppi tas-swieq dejjem jinbidlu

(5) L-iskema preżenti ta' distribuzzjoni tal-ikel tiddependi fuq id-distribuzzjoni tal-prodotti mill-ħażniet ta' intervent tal-Unjoni supplimentati, fuq bażi temporanja, bix-xiri mis-swieq. Madankollu, riformi suċċessivi tal-PAK u żviluppi favorevoli tal-prezzijiet tal-produttur irriżultaw fi tnaqqis progressiv tal-istokkijiet ta' intervent, kif ukoll tal-firxa ta' prodotti disponibbli. Għalhekk anki x-xiri mis-suq għandu jsir sors ta' provvista permanenti tal-iskema biex meta ma jkunx hemm biżżejjed ikel maħżun jintuża dan is-sors.

(6) Sal-punt fejn l-iskema topera billi tixtri prodotti tal-ikel fis-swieq meta ma jkunux disponibbli l-ħażniet tal-intervent għad-distribuzzjoni tal-ikel, hija azzjoni speċifika meħtieġa biex jiġi ppersegwit l-għan tat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali tal-Unjoni.

(7) Skema tal-Unjoni ma tistax tikkostitwixxi l-unika risposta għall-bżonnijiet dejjem jikbru għall-għajnuna tal-ikel fl-Unjoni. Il-politiki nazzjonali implimentati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-mobilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili inklużi l-inizjattivi lokali huma ugwalment neċessarji biex jipprovdu s-sigurtà tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn. Skema tal-Unjoni b'element koeżiv qawwi tista', madankollu, isservi bħala mudell għad-distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn, speċjalment fir-reġjuni l-anqas żviluppati, tgħin biex jinħolqu sinerġiji u tħeġġeġ inizjattivi pubbliċi u privati

[6] ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 170.

maħsuba biex iżidu s-sigurtà tal-ikel ta' dawk l-aktar fil-bżonn. Aktar minn hekk, minħabba l-firxa ġeografika tal-ħażniet ta' intervent anqas disponibbli fl-Istati Membri, tista' tikkontribwixxi għall-aħjar użu tagħhom. Għalhekk l-iskema tal-Unjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe politika nazzjonali bħal din.

(8) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni tal-baġit soda, għandu jiġi stipulat limitu massimu fiss għall-għajnuna tal-Unjoni. L-iskema għal dawk l-iktar fil-bżonn għandha tiżdied mal-lista ta' miżuri eliġibbli għall-iffinanzjar mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni[7].

(9) L-esperjenza wriet li meħtieġ ċertu titjib fil-ġestjoni tal-iskema tad-distribuzzjoni tal-ikel. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjanijiet annwali għall-implimentazzjoni tal-iskema, ibbażati fuq ir-rikjesti mill-Istati Membri biex jiġu komunikati lill-Kummissjoni u informazzjoni oħra kkunsidrata rilevanti. L-Istati Membri għandhom jibbażaw ir-rikjesti tagħhom għal prodotti tal-ikel fuq programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel, fejn jistabbilixxu l-għanijiet u l-prijoritajiet tagħhom għad-distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn inkluži konsiderazzjonijiet ta' nutrizzjoni. F'dan il-kuntest, ikun xieraq li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu li jagħtu preferenza lill-prodotti li ġejjin mill-Unjoni. Fl-aħħarnett, sabiex tiżgura kopertura xierqa tal-ispejjeż konnessi mal-implimentazzjoni tal-pjan, għandha tistipula li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu lura, skont ir-riżorsi disponibbli permezz tal-pjan, ċertu spejjeż tal-organizzazzjonijiet magħżula relatati mal-amministrazzjoni, it-trasport u l-ħażna.

(10) Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kontrolli amministrattivi u fiżiċi x-xierqa u għandhom jipprovdu penali fil-każ ta' irregolaritajiet sabiex jiżguraw li l-pjan annwali jiġi implimentat skont ir-regoli applikabbli.

(11) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex timplimenta wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.

(12) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, is-setgħat tal-Kummissjoni konferiti għall-operat tal-iskema stipulati fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għalhekk għandhom jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (″it-Trattat″).

(13) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat sabiex tissupplimenta jew temenda ċertu elementi mhux essenzjali tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. L-elementi li għalihom tista' tkun eżerċitata dik is-setgħa għandhom jiġu ddefiniti, flimkien mal-kundizzjonijiet li tkun soġġetta għalihom dik id-delega.

(14) Sabiex tiġi garantita applikazzjoni uniformi tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat. Il-miżuri meħtieġa għal applikazzjoni uniformi bħal din għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, permezz ta'

[7] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

atti ta' implimentazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar...

(15) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u t-trasparenza fl-adozzjoni tal-pjanijiet annwali, il-Kummissjoni għandha tadotta l-proċeduri għall-adozzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Għall-istess raġuni l-adozzjoni u, fejn neċessarju, ir-reviżjoni tal-pjanijiet annwali għandhom isiru wkoll permezz ta' atti ta' implimentazzjoni

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jingħataw qafas koerenti u effiċjenti biex jipparteċipaw fl-iskema u jimplimentawha, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għad-determinazzjoni ta' elementi addizzjonali biex jiġu inklużi fil-pjan annwali, regoli għall-provvista tal-prodotti kif ukoll proċeduri u limiti taż-żmien applikabbli għall-irtirar tal-prodotti ta' intervent inklużi t-trasferimenti bejn l-Istati Membri.

(17) Sabiex tiġi żgurata l-paragunabilità tal-informazzjoni li trid tiġi sottomessa mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw, il-Kummissjoni għandha tadotta permezz ta' atti ta' implimentazzjoni regoli dwar il-forma tal-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel u tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni.

(18) L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jikkonsidraw eliġibbli taħt l-iskema ċertu nfiq tal-organizzazzjonijiet tal-karità. Sabiex jiġi żgurat li din il-possibbiltà tiġi effettwata b'mod uniformi fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw regoli dettaljati komuni għall-ħlas lura ta' dawk l-ispejjeż inklużi limiti taż-żmien u limiti massimi finanzjarji.

(19) Sabiex jiġi żgurat li s-sejħiet għall-offerti jinħarġu skont regoli uniformi fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sejħiet għall-offerti u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodotti tal-ikel u l-provvista tagħhom.

(20) Sabiex jiġi żgurat livell armonizzat ta' prestazzjoni tal-livelli differenti tas-sistema ta' kontroll, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-obbligi tal-Istati Membri dwar il-verifiki.

(21) Sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-pjan mill-awtoritajiet tal-Istati Membri ssir f'mod uniformi u tiġi faċilitata l-kollaborazzjoni bejniethom, il-Kummissjoni għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu proċeduri u dati tal-għeluq għall-ħlasijiet, inkluż it-tnaqqis għan-nuqqas ta' osservanza tagħhom, dispożizzjonijiet tal-kontabilità u l-kompiti li jridu jiġu sodisfatti mill-korpi tal-intervent nazzjonali inkluż fil-każ ta' trasferimenti bejn l-Istati Membri.

(22) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, il-punt (g) li ġej huwa miżjud:

"(g) l-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità pprovduta fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007".

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Artikolu 4a ġdid huwa miżjud:

"*Artikolu 4a*

*[Adozzjoni ta' atti delegati u implimentattivi]*

Fejn is-setgħat huma konferiti fuq il-Kummissjoni biet tadotta atti delegati, din għandha taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 196*a*.

Fejn is-setgħat huma konferiti fuq il-Kummissjoni biet tadotta atti ta' implimentazzjoni, din għandha taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 196*b*."

(2) Fil-Parti II, Titolu I, Kapitolu I, Taqsima II, is-Sottotaqsima IV qed tiġi emendata kif ġej:

(a) L-Artikolu 27 qed jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 27*
*Skema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni*

1. Qed tiġi stabbilita skema li permezz tagħha jistgħu jitqassmu prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni permezz ta' organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-prodotti fil-ħażniet ta' intervent għandhom ikunu disponibbli jew, fejn mhumiex disponibbli ħażniet tal-invervent xierqa għall-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel, il-prodotti tal-ikel għandhom jinxtraw fis-suq.

   Għall-għanijiet tal-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fl-ewwel subparagrafu, 'persuni l-aktar fil-bżonn' tfisser persuni fiżiċi, kemm jekk huma individwi, familji jew gruppi magħmulin mit-tali persuni, li d-dipendenza soċjali u finanzjarja tagħhom hija rreġistrata jew irrikonoxxuta abbażi tal-kriterji tal-eliġibbiltà adottati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, jew hija ġġudikata bħala tali abbażi tal-kriterji użati mill-organizzazzjonijiet maħtura u li huma approvati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jieħdu sehem fl-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel li jkun fihom dan li ġej:

   (a) id-dettalji tal-karatteristiċi ewlenin u tal-għanijiet tagħhom,

   (b) l-organizzazzjonijiet maħtura,

(c) it-talbiet għall-kwantitajiet ta' prodotti tal-ikel li għandhom jitqassmu kul sena u informazzjoni rilevanti oħra.

L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-prodotti tal-ikel abbażi ta' kriterji oġġettivi, inklużi l-valuri nutrittivi u l-adattabilità għad-distribuzzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħtu preferenza lill-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-Unjoni.

3. Abbażi tat-talbiet innotifikati mill-Istati Membri skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 u informazzjoni oħra meqjusa rilevanti, il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet annwali.

Kull pjan annwali għandu jiffissa allokazzjonijiet finanzjarji annwali mill-Unnjoni għal kull Stat Membru.

Meta l-prodotti inklużi fil-pjan annwali ma jkunux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent fl-Istat Membru fejn it-tali prodotti huma meħtieġa, il-pjan annwali għandu jipprovdi għat-trasferiment tagħhom mill-Istati Membri fejn huma disponibbli fil-ħażniet ta' intervent.

Il-pjan annwali jista' jiġi rrivedut fid-dawl ta' kwalunkwe żvilupp rilevanti li jaffettwa l-eżekuzzjoni tiegħu.

4. L-organizzazzjonijiet maħtura mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 1 ma jistgħux ikunu impriżi kummerċjali.

Il-prodotti tal-ikel għandhom jingħataw mingħajr ħlas lil dawk l-organizzazzjonijiet.

Id-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel lil dawk l-aktar fil-bżonn għandha tkun:

(a) bla ħlas, jew

(b) bi prezz li fl-ebda każ ma għandu jkun akbar minn dak iġġustifikat mill-ispejjeż imġarrba mill-organizzazzjonijiet maħtura biex jimplimentaw l-operazzjoni, għajr għall-ispejjeż li jistgħu jkunu koperti mill-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7.

5. L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-iskema għandhom:

(a) jibagħtu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema;

(b) iżommu lill-Kummissjoni infurmata, fil-ħin, dwar l-iżviluppi li jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel.

6. L-Unjoni għandha tikkofinanzja l-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema. Il-finanzjament m'għandux jaqbeż il-EUR 500 miljun għal kull sena baġitarja.

7. L-ispejjeż eliġibbli skont l-iskema għandhom ikunu:

(a) l-ispejjeż tal-prodotti rrilaxxati mill-ħażniet ta' intervent,

(b) l-ispejjeż tal-prodotti tal-ikel mixtrija fis-suq, u

(c) l-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti fil-ħażniet ta' intervent bejn l-Istati Membri, meta dan ikun meħtieġ.

Fi ħdan ir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-implimentazzjoni tal-pjan annwali f'kull Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jqisu eliġibbli l-ispejjeż li ġejjin:

(a) l-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti tal-ikel lejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet maħtura;

(b) l-ispejjeż li ġejjin tal-organizzazzjonijiet maħtura, safejn dawn huma marbutin direttament mal-implimentazzjoni tal-pjan:

(i) spejjeż amministrattivi;

(ii) l-ispejjeż tat-trasport bejn l-imħażen tal-organizzazzjonijiet maħtura u l-punti tad-distribuzzjoni finali, u

(iii) l-ispejjeż tal-ħżin.

8. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kontrolli amministrattivi u fiżiċi biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-pjan b'konformità mar-regoli applikabbli u għandhom jistabbilixxu l-penali applikabbli f'każijiet ta' irregolaritajiet.

9. Il-kliem ″Għajnuna tal-Unjoni Ewropea″ flimkien mal-emblema tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar fuq l-ippakkjar tal-ikel distribwit permezz tal-pjanijiet kif ukoll fil-punti ta' distribuzzjoni.

10. L-iskema tal-Unjoni għandha tkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe skema nazzjonali li permezz tagħha jitqassmu prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

* ĠU L 243, 6.9.2006, p. 47."

(b) L-Artikoli 27a u 27b li ġejjin jiġu miżjuda:

*"Artikolu 27a*

*Elementi mhux essenzjali tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel*

1. Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-baġit mogħti lill-iskema li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 27, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tiddefinixxi l-metodu għall-kalkolu tal-allokazzjoni totali tar-riżorsi, inklużi d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-intervent u l-mezzi

finanzjarji għax-xiri tal-prodotti tal-ikel fis-suq fost l-Istati Membri. Din għandha tiddefinixxi wkoll il-valur tal-kontabilità tal-prodotti rilaxxati mill-ħażniet ta' intervent kif ukoll il-metodu li jrid jintuża għal kwalunkwe riallokazzjoni tar-riżorsi fost l-Istati Membri bħala riżultat ta' reviżjoni tal-pjan annwali.

2. Sabiex jiġi żgurat l-użu effettiv u effiċjenti tal-baġit mogħti lill-iskema stipulata fl-Artikolu 27, u għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-obbligi tal-operaturi, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati, tadotta dispożizzjonijiet li jeħtieġu l-użu ta' proċeduri ta' sejħa għall-offerti għall-operazzjonijiet kollha relatati mal-eżekuzzjoni tal-programmi għad-distribuzzjoni tal-ikel, dispożizzjonijiet dwar it-titoli li għandhom jiġu ppreżentati mill-parteċipanti fis-sejħa għall-offerti, u dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet, tnaqqis u esklużjonijiet li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri speċjalment fir-rigward tan-nuqqas ta' rispett tal-limiti taż-żmien għall-irtirar tal-prodotti mill-ħażniet ta' intervent u fil-każ ta' nuqqasijiet jew irregolaritajiet serji fl-eżekuzzjoni tal-pjan ta' tliet snin.

*Artikolu 27 b*

*Implimentazzjoni uniformi tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel*

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni uniformi tal-pjan annwali u tal-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 27. Dawk l-atti għandhom jikkonċernaw:

   (a) ir-regoli u l-proċeduri ddettaljati għall-adozzjoni u r-reviżjoni tal-pjanijiet annwali, inklużi d-dati ta' skadenza applikabbli;

   (b) l-adozzjoni tal-pjanijiet annwali u r-reviżjonijiet tagħhom;

   (c) id-dispożizzjonijiet dwar elementi addizzjonali li minnhom għandhom jikkonsistu l-pjanijiet annwali, ir-regoli għall-provvista tal-prodotti tal-ikel, kif ukoll il-proċeduri u l-limiti taż-żmien li japplikaw għall-irtirar tal-prodotti tal-intervent u t-trasferimenti bejn l-Istati Membri;

   (d) id-dispożizzjonijiet dwar il-forma tar-rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni kif ukoll tal-programmi nazzjonali għad-distribuzzjoni tal-ikel;

   (e) ir-regoli ddettaljati li japplikaw għall-ħlas lura tal-ispejjeż li dwarhom hemm dispożizzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 27(7), inklużi l-limiti massimi finanzjarji u l-limiti taż-żmien;

   (f) il-kundizzjonijiet uniformi li għandhom x'jaqsmu mas-sejħiet għall-offerti, inklużi l-kundizzjonijiet li japplikaw għall-prodotti tal-ikel u għall-provvista tagħhom;

(g) id-dispożizzjonijiet dwar kontrolli amministrattivi u fiżiċi li jridu jsiru mill-Istati Membri;

(h) id-dispożizzjonijiet uniformi li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-ħlas u d-dati ta' skadenza u t-tnaqqis applikabbli fil-każ tan-nuqqas ta' ħarsien, id-dispożizzjonijiet tal-kontabilità u l-proċeduri għat-trasferimenti bejn l-Istati Membri, inkluża d-deskrizzjoni tal-ħidmiet li għandhom jitwettqu mill-entitajiet nazzjonali ta' intervent ikkonċernati;

(i) il-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 27(9).″

(3) Fl-Artikolu 184 jiżdied il-punt (9) li ġej:

"(9) l-aktar tard sal-31 ta' Diċembru 2014, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-iskema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni skont l-Artikolu 27, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa."

(4) Fil-Kapitolu I tal-parti VII, jiżdiedu l-Artikoli 196a u 196b:

*"Artikolu 196a*

*Atti delegati*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati koperti minn dan ir-Regolament għal perjodu indefinit.

Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni, f'perijodu ta' żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, billi tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu s-suġġett tar-revoka kif ukoll ir-raġunijiet possibbli għal revoka.

Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tieħu effett minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

Jekk, meta jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat dan għandu jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.

L-att delegat għandu jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jqajmu oġġezzjonijiet.

Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet tal-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.

*Artikolu 196b*

*Atti ta' implimentazzjoni*

1. Għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament, għandha tapplika l-proċedura pprovduta mill-Artikolu [X] tar-Regolament (UE) Nru [XXX/XXXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli imwaqqaf permezz tal-Artikolu 195 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul […]

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

Fichefin/478963rev2 (FB/nh) 6.5.2011.1

DATA: 27/09/2011

| | | |
|---|---|---|
| 1. | INTESTATURA TAL-BAĠIT<br>05 02 04 01 | APPROPRJAZZJONIJIET.<br>500 M€ f' B-2011<br>500 M€ f'DB-2012 |
| 2. | TITOLU:<br>Proposta emendata għal Regolament (EU) Nru…/….tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni | |
| 3. | BAŻI LEGALI:<br>L-Artikoli 42, 43 (2) u 175 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea | |
| 4. | GĦANIJIET:<br>L-għan tar-regoli proposti huwa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-iskema ta' distribuzzjoni tal-ikel għal dawk l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni. | |

| 5. | IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI | PERJODU TA' 12-IL XAHAR<br>(EUR miljuni) | SENA FINANZJARJA ATTWALI<br>(EUR miljuni) | SENA FINANZJARJA LI JMISS<br>(EUR miljuni) |
|---|---|---|---|---|
| 5.0 | NEFQA<br>- LI GĦANDHA TITĦALLAS MILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI)<br>- AWTORITAJIET NAZZJONALI<br>- OĦRAJN | 500 | - | - |
| 5.1 | DĦUL<br>- RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (TAXXI/DAZJI DOGANALI)<br>- NAZZJONALI | - | - | - |

| | | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5.0.1 | STIMA TAN-NEFQA | | | 500 | 500 |
| 5.1.1 | STIMA TAD-DĦUL | - | - | - | - |

| | | |
|---|---|---|
| 5.2 | METODU TAL-KALKOLU:<br>- | |
| 6.0 | IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI? | ~~IVA~~LE |
| 6.1 | IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI? | ~~IVA~~LE |
| 6.2 | SE JKUN MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLIMENTARI? | IVALE |
| 6.3 | SE JKUN MEĦTIEĠ LI L-APPROPRJAZZJONIJIET JIDDAĦĦLU FIL-BAĠITS FUTURI? | ~~IVA~~LE |

OSSERVAZZJONIJIET:
Il-proposta tinkludi limitu massimu baġitarju annwali ta' EUR 500 miljun.